MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 172/2000/1

Emmanuel Cardona;

Maria Antonia Cardona f'isminha u bhala mandatarja ta' l-imsiefer Alfred Cardona, u b'nota tal-15 ta' Lulju, 2002, Emanuel Cardona u martu Rose Cardona assumew l-atti tal-kawza minflok Maria Antonia stante li mietet fil-mori tal-kawza, u sabiex jidhru ukoll fl-interess u ghan-nom ta' l-imsiefer Alfred Cardona ;

Joseph Cardona ;

Carmel Fenech f'ismu u bhala mandatarju ta' hutu msefrin Vincenza mart Joseph Zammit, Mary mart Mariano Saliba, u Mariano ilkoll ahwa Fenech ;

Ganni Dingli f'ismu u bhala mandatarju ta' hutu msefrin Joseph, Maria, Wistin, Carmel u Anthony ilkoll ahwa Dingli;

Anthony Saliba f'ismu u bhala mandatarju ta' hutu msefrin Mariano, Ganni, Maria, Doris u Helen lkoll ahwa Saliba .

vs

Giovanna Hili .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi l-kontendenti jippossjedu in komun bejniethom il-fond numru tmienja u hamsin (58) jew numru verjuri ta' Triq Torri Tinghi, Xewkija, Ghawdex.

Illi dan il-fond kien jappartjeni lil John u Maria konjugi Saliba, genituri tal-konvenuti Giovanna Hili u nanniet tal-kontendenti l-ohra (ara arblu geneologiku Dok . “A”) li mietu rispettivament fid-disgha (9) ta' Novembru ta' l-elf disa' mija u tnejn u erbghin (1942) u fit-tmienja u ghoxrin (28) ta'April, ta' l-elf disa' mija u hamsa u sittin (1965) .

Illi mal-mewt ta' l-istess konjugi Saliba dan il-fond iddevolva a favur tat-tmien uliedhom jigifieri Rose mart John Cardona, Joseph, Rita mart Publius Dingli, Emmanuel, Maria Antonia xebba, Josephine mart John Grima, Carmela mart Emmanuel Fenech u Giovanna mart Carmel Hili .

Illi l-imsemmija Rita Dingli mietet fit-tmintax (18) ta' April ta' l-elf disa' mija u wiehed u sittin (1961) u wirtuha ulieda l-atturi ahwa Dingli ;

Illi Emmanuel Saliba miet fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija u wiehed u sittin (1961), intestat u ghal hekk l-eredita' tieghu ghaddiet skond il-ligi a favur ta' hutu l-ohra u fil-kaz ta' Rita Dingli wliedha per stirpes ;

Illi Rose Cardona mietet fil-hamsa (5) ta’ Settembru ta’ l-elf disa’ mija u erbgha u sebghin (1974) u wirtuha l-atturi ahwa Cardona ;

Illi Joseph Saliba miet fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Settembru ta’ l-elf disa’mija u hamsa u disghin (1995) u wirtuh uliedu l-atturi ahwa Saliba ;

Illi Maria Antonia Saliba mietet fis-sitta (6) ta’ Mejju ta’ l-elf disa’ mija u sitta u disghin (1996) intestata u wirtuha hutha u fil-kaz ta’ dawk mejtin uliedhom skond il-Ligi ;

Illi Josephine Grima mietet fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Marzu ta’ l-elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997) u rregolat is-successjoni taghha skond testment tad-dsatax (19) ta’ Awissu ta’ l-elf disa’ mija u hamsa u disghin (1995) fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani (dok . B) li permezz hatret lill-attur Emmanuel Cardona bhala eredi universali taghha ;

Illi Carmela Fenech mietet fl-erbatax (14) ta’ Mejju ta’ l-elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) u wirtuha uliedha l-atturi ahwa Fenech ;

Illi konsegwentement illum il-fond fuq imsemmi huwa proprjeta’ tal-kontendenti fil-kwoti li jirrizultaw mill-anness Dok. “C” ;

Illi l-atturi ma jridux jibqghu f’dan l-istat ta’ komunjoni flimkien mal-konvenuta u minkejja diversi nterpellazzjonijiet il-konvenuta naqset li tersaq ghall-qasma .

Talbu lill-konvenuta tghid ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Tordna d-divizjoni tal-fond fuq imsemmi skond il-kwoti indikati fid-Dok. C .

2. Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta’ divizjoni u dan f’data, hin u lok li jigu ffissati minn din l-istess Qorti bl-intervent ta’ kuraturi

mahtura mill-Qorti sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci .

3. Kemm-il darba jirrizulta li dan il-fond ma hux komodament divizibbli tordna l-bejgh b'licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigi ppercepit mill-kontendenti skond il-kwoti rispettivi .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali spediti f'Novembru, 1998 u f'Marzu, 1999 u tal-ittra interpellatorja datata 6 ta' Mejju, 2000 .

Il-konvenuti mkarrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu ngunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Emmanuel Cardona .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li eccepiet illi :

1. Illi hija ma topponix ghad-divizjoni tal-assi ereditarji tal-genituri taghha u tal-assi ereditarji ta' Maria Antonia Saliba, u dan salv l-verifika tal-konsistenza tal-assi in divizjoni u l-verifika tal-kwoti, u salv illi jigi verifikat u konfermat illi t-taxxa tas-successjoni dovuta thallset skond il-ligi .
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta kkonfermata bil-gurament taghha .

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Marzu 2001 fejn innominat lill-A.I.C. Joseph Mizzi bhala espert tekniku sabiex jirrelata dwar il-fondi in divizjoni .

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku pprezentata fl-1 ta' Marzu 2002 u mahlufa minnu fit-28 ta' Gunju 2002 .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .
Ikkunsidrat :

Illi din hija kawza ghad-divizjoni tal-fond indikat fic-citazzjoni provenjenti lill-kondividenti mill-assi ereditarji tal-mejtin John u Maria gia konjugi Saliba . Dawn kellhom tmint itfal li pero' tnejn minnhom Emanuel u Maria Antonia mietu ntestati u improle u ghalhekk wirtuhom huthom l-ohra .

Flimkien ma' c-citazzjoni l-atturi pprezentaw arblu geneologiku tal-familja tad-decujus (Dok. A) u elenku tal-kwoti rispettivi tal-kontendenti mill-proprjeta' in divizjoni (Dok. C) . Dawn ma gew bl-ebda mod kontestati mill-konvenuta u ghalhekk qed jigu mehuda bhala li jirraprezentaw il-pozizzjoni reali tal-kondividenti u l-kwoti rispettivi taghhom .

L-unika beni in divizjoni u cioe' l-fond li jgib in-numru tmienja u hamsin (58) Triq it-Torri Tinghi, ix-Xewkija, Ghawdex, huwa deskritt ahjar fir-rapport ta' l-espert tekniku nominat f'din il-kawza . Fir-relazzjoni tieghu l-A.I.C. Mizzi jikkonkludi illi dan il-fond mhux komodament divizibbli bejn il-kontendenti . Ghalhekk jaghti stima ta' l-istess fond fil-valur ta' hamsa u hamsin elf lira maltija (Lm55,000) ghall-iskop tal-licitazzjoni li trid necessarjament issir sabiex mir-rikavat il-kondividenti jkunu jistghu jiehdu dak spettanti lilhom[1] . Il-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex ghandha tvajra dawn il-konkluzjonijiet peritali u ghalhekk taghmilhom taghha .

Fil-kors tas-smiegh tal-kawza, pero', il-konvenuta qajmet kwistjoni[2] dwar allegat servitu' illi hija tghid li ghandha a favur taghha sabiex tigbed l-ilma mil-bir li hemm fil-bitha tal-fond in divizjoni[3], imma hija baqghet qatt ma giebet ebda prova dwar dan u ghalhekk ma jistghax jinghad jekk ghandhiex ragun jew le f'din il-kontensjoni taghha .

Ghalhekk tiddecidi l-kawza bil-mod segwenti :

[1] Ara rapport peritali a fol. 25 - 26 tal-process
[2] ara verbal tas-seduta peritali tat-23 ta' Novembru 2001 a fol. 27
[3] ara pjanta annessa mar-rapport peritali a fol. 29

1. peress illi l-fond in divizjoni, kif deskritt u stmat fir-relazzjoni peritali ta’ l-A.I.C. Joseph Mizzi, mhuwiex komodament divizibbli, tordna l-bejgh tieghu in licitazzjoni bl-ammissjoni ta’ l-oblaturi estranei ;
2. ir-rikavat minn dan il-bejgh bis-subbasta, wara li jitnaqqsu l-ispejjez, ghandu mbaghad jinqasam bejn il-kondividenti kollha skond il-kwoti rispettivi taghhom, u dana kif indikat fl-elenku tal-kwoti esebit bhala “Dok. C” flimkien ma’ c-citazzjoni .

L-ispejjez tal-kawza, billi din hija kawza ghad-divizjoni ta’ proprjeta’ provenjenti minn wirt, ghandhom jigu issoportati bejn il-kontendenti skond il-kwoti rispettivi taghhom .

S17200Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------